KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 57 – 2016

Data: It-Tnejn 19 ta' Settembru, 2016

Hin: 1.40 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:
Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Kasy Mercieca – *Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 54/2016 u tal-laqghat b'urġenza Nru 55/2016 u Nru 56 ;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Il-Kwotazzjonijiet 02,03,04 – 2016
4. Il-Programm tal-Ġemellaġġ ma' Montefiascone;
5. Komunikazzjoni mis-Sindku;
6. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
7. Ilmenti u Suġġerimenti;
8. Aġġornament.

## Minuti – 57/2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 54 – 2016 u tal-Laqgħat b'urġenza Nru 55 – 2016 u Nru 56 - 2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 54 – 2016 u tal-laqgħat b'urġenza Nru 55 – 2016 u Nru 56 - 2016, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti tat-tlett laqgħat ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Approvazzjoni tal-Minuti 54-2016
Minuti 55-2016
Minuti 56-2016

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol mill-kuntrattur Road Construction Ltd. fuq it-trinek biex jgħaddi cable minn diversi toroq Triq it-Tin , Triq Saguna, Triq il-Kbira, Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Triq Gerxija u Triq Zabetta mill-kumpanija Solar Power issa beda. Is-Sindku qal li fi Triq il-Kbira l-kuntrattur għadda minn fuq it-triq bil-gaffa tal-katina u dan ingibditlu l-attenzjoni mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jibża għat-toroq aktar u aktar meta dan il-proġett mhux tal-Kunsill.

**2.2** Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-*over speeding* fi Triq il-Kbira. Intalab biex jinbidlu t-tabelli tal-ispeed limit ta' 35 peress li dawk li hemm ma għadhomx jidhru bl-elementi tat-temp u li l-Kunsill ghandu jinforma lill-pulizija dwar dan ir-rigward.

**2.3** Is-Sindku semma biex isiru d-double yellow lines fuq in-naħa ta' Triq Xabbata fi Pjazzetta tax-Xelina biex it-tabelli No Entry li twaħħlu fi Triq Dun Xand Aquilina fuq in-naħa ta' fuq jinkixfu u t-traffiku jibda jiffunzjona kif mitlub minn TM.

# 3. Kwotazzjoni SNT 02,03,04/2016

**3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-kwotazzjonijiet miftuħa nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 f'nofsinhar fil-presenza tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Said dakinhar. Dawn kienu:

Kwotazzjoni SNT 02,03,04/2016

**Kwotazzjnoni SNT 02/2016**
**Provista u tisqija ta' *soft areas*, f' Ta' Sannat**

| | | |
|---|---|---|
| Lawrence Borg | 1000 gallun | €18.00 |
| | 3500 gallun | €25.00 |
| | 6000 gallun | €40.00 |
| Sammy Attard | 1000 gallun | €24.78 |
| | 3500 gallun | €47.20 |
| | 6000 gallun | €59.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Lawrence Borg għal prezz ta' €18.00 ta 1000 gallun li kienet l-aktar waħda irħisa u vantaġġuża.

**Kwotazzjnoni SNT 03/2016**
**Provista ta' ilma għal ġibja fil-Ġnien tal-Bidwi, Ta' Sannat**

| | | |
|---|---|---|
| Michael Grima | 1000 gallun | €17.58 |
| | 3500 gallun | €32.92 |
| | 6000 gallun | €58.88 |
| | 9500 gallun | €68.32 |
| Lawrence Borg | 1000 gallun | €18.00 |
| | 3500 gallun | €25.00 |
| | 6000 gallun | €40.00 |
| | 9500 gallun | €60.00 |
| Sammy Attard | 1000 gallun | €24.78 |
| | 3500 gallun | €47.20 |
| | 6000 gallun | €59.00 |
| | 9500 gallun | € --- |

Il-Kunsill għażel dik ta' Lawrence Borg għal prezz ta' €60.00 ta 9500 gallun li kienet l-aktar waħda irħisa u vantaġġuża.

**Kwotazzjnoni SNT 04/2016**
**Provista ta' *cold asphalt***

| | | |
|---|---|---|
| Gatt Tarmac Ltd. | per metric ton | €68.99 |
| Road Construction Ltd. | per metric ton | €78.00 |
| Bonnici Brothers Services Ltd. (Infracore) | per metric ton | €188.80 |
| Bitmac (Works) Ltd. | per metric ton | €170.00 |
| | per bag 25 kg | € 4.55 |
| Bonnici Brothers Services Ltd. | per metric ton | €1000.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Gatt Tarmac Ltd. għal prezz ta' €68.99 kull tunnellat metrika li kienet l-aktar waħda irħisa u vantaġġuża.

## 4. Il-Programm tal-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

**4.1** Is-Sindku qal lill-Kunsill li wara diversi laqgħat apposta mas-sotto-kumitat tal-ġemellaġġ kompost minnhu, mill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana, mill-exs Sindku Carmel Camilleri, John Grima, Franco Azzopardi, Andrew Refalo, Josephine Vella, Sharon Zammit, Christine Bajada u s- Programm tal-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali flimkien ħejjew u ffinallizaw il-programm ta' l-iffirmar tal-ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali Ta' Sannat u l-Comune di Montefiascone li ser isir bejn il-Ġimgħa 30 ta' Settembru u t-Tlieta 4 ta' Ottubru 2016 u dawn qed jippreżentawh lil Kunsill biex jarah u jiġi approvat mill-Kunsill. B'hekk wara jitqassam programm lir-residenti kollha tal-lokal b'dawn l-avvenimenti b'konnesjoni ma dan il-ġemellaġġ ma' Montefiascone. Għandu jitqassam ukoll leaflet b'tgħarif ġenerali dwar din il-lokalita'.

***Il-Ġimgħa 30 ta' Settembru, 2016***
Rappreżentanza mill-Kunsill ser tilqa' lid-delegazzjoni fl-Ajruport ta' Malta. Fis-7:00 p.m - Laqgħa kordjali fil-Pjazza Santa Margerita fejn ser tittella attivita' apposta bil-parteċipazzjoni ta' diversi talenti lokali fosthom Morena, il-kor Fjur tal-Martri Margerita, is-Sinnet Folk Group u Ta' Seguna Folk Group. Waqt din l-attivita' ser jintwera filmat dwar Ta' Sannat mhejji minn Philip Cassar ta' Gozo Vision Studio.

***Is-Sibt 1 ta' Ottubru, 2016***
Fid-9:30 a.m - Id-delegazzjoni Taljana ser tattendi għal diskussjonijiet dwar in-negozji, fejn se jkollhom l-opportunita' li jiltaqgħu ma diversi negozjanti Għawdxin. Dawk il-persuni li huma nteressati li jattendu għal din il-laqgħa ser ikunu mitluba jinfurmaw lill-Kunsill. Wara d-delegazzjoni ser iżuru diversi fabbriki li jipproduċu prodotti lokali u agrikoli.
Fis-7:00 p.m - Kunċert mill-isbaħ imtella mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita fil-Pjazza Santa Margerita. Kulħadd huwa mistieden sabiex jattendi.

***Il-Hadd 2 ta' Ottubru, 2016***
Fl-10:30 a.m - Quddiesa bit-taljan immexxija minn Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex fil-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat. Wara jsir l-iffirmar tal-ġemellaġġ fuq iz-zuntier tal-Knisja, bil-parteċipazzjoni tas-Sopran Georgina Gauci, Antonella Rapa, il-kor Ulied Margerita akkumpanjati mill-pjanista Laura Rapa.
Fin-12:30 p.m - Ikla tradizzjonali fil-Pjazza Santa Margerita bejn iż-żewġ komunitajiet bis-sehem tal-Kumitat Sezzjonali Nar.
Fl-4:00 p.m - Il-grupp minn Montefiascone se jżur il-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

***It-Tnejn 3 ta' Ottubru, 2016***
Fl-10:00 a.m - Id-delegazzjoni Taljana ser iżżur l-iskola Prof. Ġuze' Aquilina fejn ser issir disskusjoni dwar il-futur tal-Unjoni Ewropeja.
Fis-2:00 p.m - Ħarġa kulturali fiċ-Ċittadella għall-grupp minn Montefiascone fejn ser isiru taħditiet dwar dan il-Wirt Storiku.
Fl-4:00 p.m - Wara ser iżuru vinja tad-dwieli fejn ser jiġi diskuss il-prodott tal-inbid Għawdxi lit-taljani ta' Montefiascone li huma tant magħrufin għal dan prodott.
Fil-5:45 p.m - Id-delegazzjoni Taljana ser iżżur t-tieqa u t-torri tad-Dwejra, fejn ser ikollhom l-opportunita' ukoll li jaraw ix-xena spettakolari ta' inżul ix-xemx.

***It-Tlieta 4 ta' Ottubru, 2016***
Kmieni filgħodu tluq tal-grupp Taljan lura lejn Montefiascone.

Is-Sindku qal lill-Kunsill biex inħeġġu lil kulħadd jattendi għal dan l-

avveniment importatnit fl-istorja Ta’ Sannat.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

**5.1** Is-Sindku qal li l-Onor. Dr Justyne Caruana nfurmat lill-Kunsill billi kitbet lura fejn qalet li ser ikun hemm ftehim bil-miktub biex is-sala tal-Kunsill tibda tintuża darba fil-ġimgħa jew aktar għal talks u attivitaijiet mis-Segretarjat tagħha lill-anzjani. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li f’każ li jkollu bżonn jgħamel użu minn din is-sala, l-ewwel ikun il-Kunsill li jgħamel dan. Użu tas-sala għal Day Centre

**5.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-pompa tal-ilma fil-wied ta’ Mġarr ix-Xini ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-uffiċċju tad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej. Is-Sindku qal li hu ser jiddiskuti b’permezz ta’ laqgħat apposta dwar il-co finanacing għal dan il-proġett. Applikazzjoni tal-ERDF

**5.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ircieva email għal laqgħa nhar it-Tnejn 26 ta’ Settembru, 2016 fit-3.00 p.m., li ser issir apposta fil-bini tal-Planning Authority dwar PC013/10 – To *establish zoning, building height and road alignment of the Rationalism Exercise (2006) site, site at Ta’ Dun Luqa Triq id-Daħla taċ-Ċnus/Triq Dun Luqa.* Is-Sindku qal li hu ser jattendi għal din il-laqgħa ferm importanti. Żvilupp Triq id-Daħla taċ-Ċnus/Triq Dun Luqa

## 6. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar fiċ-Ċirkulari Nru. 16/2016 mibgħuta mid-DLG li kull Kunsill Lokali irid jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet lis-Sur Ruben Cassar ġa Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lis-Sur Cassar u jekk jaċċetta jinforma b’dan lid-DLG. Hatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv

**6.2** Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill li hemm il-ħtieġa li fl-operat tal-Uffiċċju tal-Kunsill jiġi ngaġġat uffiċjal ieħor kif stipulat bil-liġi peress li l-volum tax-xogħol qed dejjem jiżdied. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar din it-talba dan peress li qalu li l-qada finanzjari hi dik li hi. Ingaġġ ta’ uffiċjal fil-Kunsill

**6.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħal kull sena l-Kunsill ircieva mingħand in-National Immunisation Service dwar is-seasonal influenza Vaccination. Il-persuni ‘l fuq minn 55 sena qed jinkitbu fil-Kunsill. Il-Kunsill ser jerġa jqabbad ls-Sinjura Roseanne Attard (infermiera) biex wara li nircievu dawn il-labar din tieħu ħsieb dan ix-xogħol. Tilqima kontra l-influenza

**6.4** Is-Segretarju Eżekuttiv reġa fakkar lill-Kunsill bil-laqgħa li għandha ssir mall-Accountant dwar l-Iżbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2015, biex dan jiġi rregolat kif mitlub mid-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali Għalhekk għandu jsir appuntament mall-Accountant biex issir din il-laqgħa apposta. Żbilanċ finanzjarju 2015

**6.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva mingħand il-kumpanija GreenPak fejn qalet li t-tqassim tal-boroz il-ħodor se jsir darbtejn f'sena. Huma kitbu li ser jagħtu borża għal kull ġimgħa lil kull familja. GreenPak Boroż ħodor

**6.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva ittra mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni ta' Reserved Parking għal Persuni b'Disabilta' fi Triq Skerla ma ngħatax. Dan peress li s-sid li għamel din it-talba għandu garaxx mad-dar. Reserved Parking Triq Skerla - TM

**6.7** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri b'permezz tal-imejl. Dawn huma- Ċirkularijiet mid-DLG

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| No. 15 / 20.08 | Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid u l-importanza li jkun hemm handover u audit |
| No. 16 / 24.08 | Ħata ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| No. 17 / 26.08 | Nuqqs ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsillieri |
| No. 18 / 27.08 | Ordnijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali |
| No. 19 / 01.09 | Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs) |
| No. 20 / 06.09 | Inizjattiva Finanzjarja għal Kumitati Reġjonali – Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' fuq Livell Reġjonali |
| No. 21 / 09.09 | Konvenzjoni dwar il-Qasam Soċjali fil-Komunita' u l-programm ta' taħriġ Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar |
| No. 22 / 12.09 | Tqegħid jew Depożitu ta' Stekkat (Boundary Wall) |
| No. 23 / 15.09 | Servizzi provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali |
| No. 24 / 19.09 | Inizjattiva ta' Taħriġ dwar Stress Management |

# 7. Ilmenti u Suġġerimenti

**7.1** Is-Sur Saviour Theuma qed jitlob li titwessa l-bankina quddiem blokka appartamenti fi Triq Ta' Ċenc. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha ssir lill-MGOZ bis-sistema tal-Customer Care. Ilmenti/ Suġġerimenti

**7.2** Is-Sur David Farrugia ta' Triq Ċenċ qed jitlob li ssir bankina quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha ssir lill-MGOZ bis-sistema tal-Customer Care.

**7.3** Anne Borg talbet biex it-tabella fi Triq tal-Gruwa li tgħati tgħarif għax-Xewkija, Mġarr ix-Xini, Mġarr Habour u l-Heliport tiġi mibdula għaliex din ma tinqarax. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ġa nforma lid-Direttur għal Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-MGOZ biex din tiġi mibdula.

**7.4** Mons. Tarcisio Camilleri ilmenta li għandu problema fid-drenaġġ fil-bankina wara li sar xogħol fi Triq Dun Xand Aquilina. Is-Sindku qal li l-aħjar li jiġi jara l-Perit u l-Kuntrattur tal-bankini biex din il-problema tiġi solvuta. Il-Kunsill qabel ma dan.

**7.5** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-bozza li hemm fi Triq Marsilja

fuq arblu quddiem ta' Randu, l-EneMalta qalet li mhux ser tgħati dawl fuq arbli għalhekk din għandha tiġi xxiftjata fil-bidu ta' Triq Dun Luqa fejn hemm id-dlam. Il-Kunsill qabel ma dan.

**7.6** Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-bankina fi Triq Marsilja quddiem tat-Titan tiġi f'linja waħda billi din titwessa u fuq in-naħa ta fejn hemm is-siġra titwessa ukoll biex nissistemizzaw din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mitluba l-għajnuna tal-Perit biex dan isir.

**7.7** Il-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema mall-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li fil-Ġnien tal-Bidwi hemm fanal żgħir miksur, soll tal-biebien tal-istore u tal-latrina miksurin u l-bibien ma jinfetħux. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu rranġati.

**7.8** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fi Triq il-Kbira fl-isqaq ta fejn id-dar Marina li jgħati ghal Triq Xamgħan hemm ħafna weraq tax-xewk tal-bajtar li qed iżomm ħajt imgarraf u ħamrija fil-passaġġ u li qed jintalab li dan jigi mnaddaf. Il-Kunsill għandu jkellem lis-sid ta dan il-ħajt u li ssir tindifa f'dan il-passaġġ.

## 8. Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fit-3.25 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016, fis-1.30 p.m. Aġġornament

***(iffirmata)***

***Philip Vella***
*Sindku*

***(iffirmata)***

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26 ta' Ottubru 2016